VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,589, 10 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 215 tal-2016

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, li jaġixxi bil-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 370.05.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok it-tifsira "persuna suġġetta" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "persuna suġġetta" tfisser persuna li jkollha liċenza għal servizzi ta' investiment taħt l-Att jew li tkun xort'oħra awtorizzata jew approvata mill-awtorità kompetenti jew li tkun qegħda taġixxi taħt eżenzjoni mill-ħtieġa ta' liċenza bħal dik kif hemm fir-Regolamenti ta' Eżenzjoni għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u tinkludi kustodju:

Iżda kustodju kif imfisser taħt ir-Regolamenti dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kustodji ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv) li jkollu wkoll liċenza biex iwettaq servizzi ta' investiment oħra jkun ukoll persuna suġġetta taħt dawn ir-regolamenti dwar dawk is-servizzi ta' investiment minbarra l-kustodja fi skemi ta' investiment kollettiv u f'dak il-każ, għandhom japplikaw ir-Regolamenti dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kustodji ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv).".